Fit-tielet lok, hija tilmenta li d-digriet jikser ir-regoli proċedurali peress li dan ma huwiex suffiċjentement motivat. Il-Gvern Pollakk iqis li l-Qorti Ġenerali ma mmotivatx suffiċjentement skont il-liġi d-digriet mogħti fil-Kawża T-226/10, billi naqset b'mod partikolari milli tirreferi għar-rabta ġuridika stabbilita bejn il-konsulenti legali u l-president tal-UKE.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (Ir-Renju Unit) fil-11 ta' Awwissu 2011 — Wheels Common Investment Fund Trustees Ltd, National Association of Pension Funds Ltd, Ford Pension Fund Trustees Ltd, Ford Salaried Pension Fund Trustees Ltd, Ford Pension Scheme for Senior Staff Trustee Ltd vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs**

**(Kawża C-424/11)**

(2011/C 311/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

First-tier Tribunal (Tax Chamber) (Ir-Renju Unit)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Wheels Common Investment Fund Trustees Ltd, National Association of Pension Funds Ltd, Ford Pension Fund Trustees Ltd, Ford Salaried Pension Fund Trustees Ltd, Ford Pension Scheme for Senior Staff Trustee Ltd

*Konvenuti:* Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

**Domandi preliminari**

(1) Il-kliem "fondi ta' investiment" li jinsab fl-Artikolu 13B(d)(6) tas-Sitt Direttiva tal-VAT ([1]) u l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva 2006/112 ([2]) għandu jiġi interpretat bħala li jinkludi (i) skema ta' pensjoni ta' rtirar stabbilita minn persuna li tħaddem sabiex toffri lill-impjegati tagħha benefiċċji ta' pensjoni u/jew (ii) fond komuni ta' investiment li fi ħdanu jinġabar l-attiv ta' diversi skemi ta' pensjoni għall-finijiet ta' investimenti meta, fil-kuntest tal-iskemi ta' pensjoni inkwistjoni:

(a) il-pensjoni li tista' tiġi perċepita minn membru hija ddefinita minn qabel fl-istatuti tal-iskema (ibbażata fuq formula msejsa fuq it-tul tal-karriera tal-membru ma' min iħaddem u s-salarju tiegħu) u mhux fuq il-bażi tal-valur tal-attiv tal-iskema;

(b) min iħaddem għandu jikkontribwixxi għall-iskema;

(c) huma biss l-impjegati ta' min iħaddem li jistgħu jipparteċipaw fl-iskema u jirċievu pensjoni f'dan il-kuntest (fejn parteċipant f'din l-iskema huwa indikat bħala "membru");

(d) impjegat huwa ħieles li jiddeċiedi li jsir jew ma jsirx membru;

(e) impjegat li huwa membru huwa normalment obbligat li jikkontribwixxi għall-iskema abbażi ta' perċentwali tas-salarju tiegħu;

(f) il-kontribuzzjonijiet minn min iħaddem u mill-membri huma miġbura mit-trustee tal-iskema u jiġu investiti (ġeneralment f'azzjonijiet) bil-għan li jiġi stabbilit fond li minnu jitħallsu lill-membri l-benefiċċji provduti taħt l-iskema;

(g) jekk l-attiv tal-iskema huwa ogħla minn dak li huwa meħtieġ biex jiġu ffinanzjati l-benefiċċji previsti taħt l-iskema, it-trustee tal-iskema u/jew min iħaddem jista', skont it-termini tal-iskema u d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, jagħżel waħda mis-segwenti soluzzjonijiet (i) inaqqs il-kontribuzzjonijiet għall-iskema ta' min iħaddem; (ii) jittrasferixxu parti jew l-intier tal-eċċess tal-benefiċċju lil min iħaddem jew (iii) iżidu l-benefiċċji għall-membri tal-iskema;

(h) jekk l-attiv tal-iskema jkun inqas milli meħtieġ biex jiffinanzja l-benefiċċji previsti fil-kuntest tal-iskema, min iħaddem huwa bħala prinċipju obbligat li jassorbi l-iżbilanċ u, jekk min iħaddem ma jagħmilx dan jew ma jkunx jista' jagħmel dan, il-benefiċċji rċevuti mill-membri jiġu mnaqqsa;

(i) l-iskema tippermetti li l-membri jagħmlu kontribuzzjonijiet volontarji addizzjonali ("AVC") li ma jkunux miżmuma mill-iskema, iżda ttrasferiti lil terz għall-finijiet ta' investimenti u l-provvista ta' benefiċċji addizzjonali msejsa fuq il-prestazzjoni tal-investimenti magħmulin (dawn l-arranġamenti ma humiex suġġetti għall-VAT);

(j) il-membri huma intitolati li jittrasferixxu l-benefiċċji akkumulati tagħhom fil-kuntest tal-iskema (evalwati abbażi tal-valur attwarjali ta' dawn il-benefiċċji fil-mument tat-trasferiment) għal skemi ta' pensjoni oħra;

(k) il-kontribuzzjonijiet ta' minn min iħaddem u tal-membri għall-iskema ma humiex ikkunsidrati bħala dħul tal-membri għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul;

(l) il-pensjonijiet riċevuti mill-membri fil-kuntest tal-iskema huma kkunsidrati bħala dħul tal-membri għall-finijiet tat-taxxa tad-dħul; u

(m) min iħaddem, u mhux il-membri tal-iskema, jieħdu r-responsabbiltà għall-ispiża tal-ġestjoni tal-iskema?

(2) Fid-dawl (i) tal-għanijiet tal-eżenzjoni previsti taħt l-Artikolu 13B(d)(6) tas-Sitt Direttiva tal-VAT u l-Artikolu 135(1)(g) tad-Direttiva 2006/112, (ii) tal-prinċipju ta' newtralità fiskali u (iii) taċ-ċirkostanzi deskritti fil-kuntest tal-ewwel domanda preliminari:

(a) Stat Membru jista' jiddefinixxi, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, il-fondi li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "fondi ta' investiment" b'tali mod li jeskludi l-fondi li għalihom isir referiment fl-ewwel domanda preliminari u jinkludi impriżi ta' investiment kollettiv fis-sens tad-Direttiva 85/611, kif emendata?

(b) Sa fejn (jekk ikun il-każ) il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin huma rilevanti għall-kwistjoni dwar jekk fond, kif deskritt fl-ewwel domanda preliminari, għandu jew ma għandux jiġi kkunsidrat minn Stat Membru, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu, bħala fond speċjali ta' investiment:

(i) il-karatteristiċi tal-fond (kif deskritt fl-ewwel domanda preliminari);

(ii) sa fejn il-fond huwa "simili u għalhekk jikkompeti ma'" mezzi ta' investiment li diġà ġew identifikati mill-Istat Membru bħala fondi speċjali ta' investiment?

(3) Jekk, fil-kuntest tat-tweġiba għad-domanda 2b(ii), hemm lok li jiġi evalwat sa fejn il-fond huwa "simili u għalhekk jikkompeti ma'" mezzi ta' investiment li diġà ġew ikkunsidrati mill-Istat Membru bħala fond speċjali ta' investiment, l-eżistenza jew il-livell ta' "kompetizzjoni" bejn il-fond inkwistjoni u tali mezzi oħra ta' investiment għandha tiġi kkunsidrata bħala kwistjoni separata minn dik ta' xebh?

(1) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23)

(2) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supreme Court of the United Kingdom fit-12 ta' Awwissu 2011 — Mark Alemo-Herron et vs Parkwood Leisure Ltd

**(Kawża C-426/11)**

(2011/C 311/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Qorti tar-rinviju

Supreme Court of the United Kingdom

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Mark Alemo-Herron, Sandra Tipping, Christopher Anderson, Stacey Aris, Audrey Beckford, Lee Bennett, Delroy Carby, Vishnu Chetty, Deborah Cimitan, Victoria Clifton, Claudette Cummings, David Curtis, Stephen Flin, Patience Ijelekhai, Rosemarie Lee, Roxanne Lee, Vivian Ling, Michelle Nicholas, Lansdail Nugent, Anne O'Connor, Shirley Page, Alan Peel, Mathew Pennington, Laura Steward

*Konvenuta:* Parkwood Leisure Ltd

### Domandi preliminari

(1) Meta, bħal fil-kawża preżenti, impjegat għandu dritt kuntrattwali, infurzabbli kontra ċ-ċedent, sabiex jibbenefika minn kundizzjonijiet li huma nnegozzjati u miftehma perijodikament minn korp terz ta' negozjar kollettiv u dan id-dritt huwa rrikonoxxut taħt id-dritt nazzjonali bħala ta' natura pjuttost dinamika iktar milli statika, bejn l-impjegat u l-persuna li tħaddem li hija ċ-ċedent, l-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE (1) tat-12 ta' Marzu 2001, moqri fid-dawl tas-sentenza Werhof tal-Qorti tal-Ġustizzja:

(a) jirrikjedi li tali dritt ikun protett u infurzabbli kontra ċ-ċessjonarju f'każ ta' trasferiment li għalih tapplika d-direttiva; jew

(b) jawtorizza lill-qrati nazzjonali sabiex jiddeċiedu li tali drittijiet huma protetti u infurzabbli kontra ċ-ċessjonarju f'każ ta' trasferiment li għalih tapplika d-direttiva; jew

(c) jipprojbixxi lill-qrati nazzjonali milli jiddeċiedu li tali drittijiet huma protetti u infurzabbli kontra ċ-ċessjonarju f'każ ta' trasferiment li għalih tapplika d-direttiva?

(2) Meta Stat membru wettaq l-obbligu tiegħu li jittrasponi, fid-dritt nazzjonali teigħu, r-rekwiżiti minimi msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2001/23, iżda jqajjem il-kwistjoni dwar jekk il-miżuri ta' traspożizzjoni għandhomx jinftiehmu bħala jmorru lil hinn minn dawn ir-rekwiżiti favur l-impjegati protetti, billi jingħataw drittijiet kuntrattwali ta' natura dinamika kontra ċ-ċessjonarju, jista' jitqies li l-qrati tal-Istati Membri huma liberi li japplikaw id-dritt nazzjonali għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tar-regoli li jiżguraw it-traspożizzjoni mingħajr, ovvjament, ma tali interpretazzjoni tmur kontra d-dritt Komunitarju, jew għandu jiġi adottat approċċ ieħor rigward l-interpretazzjoni, u fil-każ ta' risposta pożittiva, liema approċċ?

(3) F'dan il-każ, peress li ma huwiex allegat, mill-persuna li tħaddem, li jekk jiġi rikonoxxut lill-impjegati dritt ta' natura dinamika abbażi tad-dritt nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet miftehma mill-ftehim kollettivi jirriżulta fi ksur tad-drittijiet ta'din il-persuna li taddem fir-rigward tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-qorti nazzjonali hija libera li tapplika l-interpretazzjoni tat-TUPE invokata mill-impjegati?

(1) Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji
ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98